# Skema dwar Eżenzjonijiet/Traħħis/Għotjiet relatati ma’ Vetturi bil-Mutur għal Persuni b’Diżabilità

| Kategoriji / Vetturi | **Vettura proprjetà ta’ persuna li d-diżabilta' tagħha tipprekluduha milli ssuq** *[kategorija I]* | | **Vettura proprjetà ta’ persuna b’diżabilità u misjuqa minn dik il-persuna** *[kategorija II]* | | **Vettura proprjetà ta’ ġenituri (*carers*) tal-persuna b’diżabilità, jew membri tal-familja tal-ewwel grad ta’ parentela, jew il-konjuġi ta’ din il-persuna b’diżabilità** *[kategorija III]* | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Vetturi b’trażmissjoni Manwali** | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €850 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €850 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €850 |
| | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(a) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(a) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2 (a) |
| | | | | | | |
| **Vetturi b’trażmissjoni Manwali bil-Modifiki** | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €850 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €4,500 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €850 |
| | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €1,700 | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €1,700 | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €1,700 |
| | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €1,700 | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €1,700 | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €1,700 |
| | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(b) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(b) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(b) |
| | | | | | | |

[1] CIF: *Cost, Insurance, Freight*

# Skema dwar Eżenzjonijiet/Traħħis/Għotjiet relatati ma' Vetturi bil-Mutur għal Persuni b'Diżabilità

| Kategoriji / Vetturi | Vettura proprjetà ta' persuna li d-diżabilta' tagħha tipprekluduha milli ssuq *[kategorija I]* | | Vettura proprjetà ta' persuna b'diżabilità u misjuqa minn dik il-persuna *[kategorija II]* | | Vettura proprjetà ta' ġenituri (*carers*) tal-persuna b'diżabilità, jew membri tal-familja tal-ewwel grad ta' parentela, jew il-konjuġi ta' din il-persuna b'diżabilità *[kategorija III]* | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Vetturi Awtomatiċi** | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €1,200 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €1,200 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €1,200 |
| | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(a) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(a) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(a) |
| | | | | | | |
| **Vetturi Awtomatiċi bil-Modifiki** | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €1,200 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €4,500 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €1,200 |
| | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €2,400 | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €2,400 | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €2,400 |
| | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €2,400 | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €2,400 | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €2,400 |
| | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(b) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(b) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(b) |
| | | | | | | |

[1] CIF: *Cost, Insurance, Freight*

# **Skema dwar Eżenzjonijiet/Traħħis/Għotjiet relatati ma' Vetturi bil-Mutur għal Persuni b'Diżabilità**

| **Kategoriji** / **Vetturi** | **Vettura proprjetà ta' persuna li d-diżabilta' tagħha tipprekluduha milli ssuq** *[kategorija I]* | | **Vettura proprjetà ta' persuna b'diżabilità u misjuqa minn dik il-persuna** *[kategorija II]* | | **Vettura proprjetà ta' ġenituri (*carers*) tal-persuna b'diżabilità, jew membri tal-familja tal-ewwel grad ta' parentela, jew il-konjuġi ta' din il-persuna b'diżabilità** *[kategorija III]* | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Vetturi Kummerċjali b'trażmissjoni Manwali** | | | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €1,700 | | |
| | | | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(c) | | |
| | | | | | | |
| **Vetturi Kummerċjali b'trażmissjoni Manwali bil-Modifiki** | | | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €6,000 | | |
| | | | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €1,700 | | |
| | | | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €1,700 | | |
| | | | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(c) | | |
| | | | | | | |

[1] CIF: *Cost, Insurance, Freight*

# Skema dwar Eżenzjonijiet/Traħħis/Għotjiet relatati ma' Vetturi bil-Mutur għal Persuni b'Diżabilità

| Kategoriji / Vetturi | Vettura proprjetà ta' persuna li d-diżabilta' tagħha tipprekluduha milli ssuq *[kategorija I]* | | Vettura proprjetà ta' persuna b'diżabilità u misjuqa minn dik il-persuna *[kategorija II]* | | Vettura proprjetà ta' ġenituri (*carers*) tal-persuna b'diżabilità, jew membri tal-familja tal-ewwel grad ta' parentela, jew il-konjuġi ta' din il-persuna b'diżabilità *[kategorija III]* | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Vetturi Kummerċjali Awtomatiċi** | | | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €2,200 | | |
| | | | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(c) | | |
| **Vetturi Kummerċjali Awtomatiċi bil-Modifiki** | | | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €6,000 | | |
| | | | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €2,400 | | |
| | | | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €2,400 | | |
| | | | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(c) | | |
| | | | | | | |

[1] CIF: *Cost, Insurance, Freight*

# **Skema dwar Eżenzjonijiet/Traħħis/Għotjiet relatati ma' Vetturi bil-Mutur għal Persuni b'Diżabilità**

| **Kategoriji / Vetturi** | **Vettura proprjetà ta' persuna li d-diżabilta' tagħha tipprekluduha milli ssuq** *[kategorija I]* | | **Vettura proprjetà ta' persuna b'diżabilità u misjuqa minn dik il-persuna** *[kategorija II]* | | **Vettura proprjetà ta' ġenituri (*carers*) tal-persuna b'diżabilità, jew membri tal-familja tal-ewwel grad ta' parentela, jew il-konjuġi ta' din il-persuna b'diżabilità** *[kategorija III]* | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Vetturi Aċċessibbli għal Siġġu bir-Roti** | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €8,200 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €8,200 | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Taxxa tar-Reġistrazzjoni | €8,200 |
| | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €2,400 | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €2,400 | Għotja: Dazju fuq l-Importazzjoni | €2,400 |
| | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €2,400 | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €2,400 | Għotja: Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF)[1] | €2,400 |
| | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(d) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(d) | Eżenzjonijiet/ Traħħis: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni | Nota 2(d) |

[1] CIF: *Cost, Insurance, Freight*

# Skema dwar Eżenzjonijiet/Traħħis/Għotjiet relatati ma’ Vetturi bil-Mutur għal Persuni b’Diżabilità

## NOTI

### Nota 1: Taxxi u Dazju

a) Applikanti eliġibbli għall-Iskema dwar Eżenzjonijiet/Traħħis/Għotjiet relatati ma’ Vetturi bil-Mutur għal Persuni b’Diżabilità jkunu eliġibbli għal eżenzjoni/ traħħis mit-Taxxa ta’ Reġistrazzjoni u l-Liċenzja ta’ Ċirkolazzjoni b’limitu massimu kif indikat fit-tabella ta’ hawn fuq, u wkoll, fejn eliġibbli, għal għotja ekwivalenti għal VAT u Dazju ta’ Importazzjoni, b’limitu massimu wkoll kif indikat fit-tabella ta’ hawn fuq.

### Nota 2: Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura

a) **Vetturi b’trażmissjoni manwali u vetturi awtomatiċi, reġistrati wara l-1 ta' Jannar 2009** (**vetturi reġistrati sal-31 ta' Diċembru 2008 huma eżentati mill-ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura):** l-ebda ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura ma japplika għall-ewwel ħames snin *mis-sena tal-manifattura*, u mis-sitt sena japplika 50% tal-ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura. Dawn it-tariffi huma applikabbli għal vetturi petrol sa 180g/km emissjonijiet ta’ $CO_2$ u għal vetturi diesel sa 150g/km emissjonijiet ta' $CO_2$. Il-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura għandha tiġi mħallsa kollha jekk l-emissjonijiet jaqbżu dawn il-livelli msemmija. Il-limiti ta’ emissjonijiet ta’ $CO_2$ japplikaw ukoll għal meta tinbidel il-vettura (kemm jekk ġdida jew użata).

b) **Vetturi b’trażmissjoni manwali bil-modifiki u vetturi awtomatiċi bil-modifiki reġistrati wara l-1 ta’ Jannar 2009 (vetturi reġistrati sal-31 ta' Diċembru 2008 huma eżentati mill- ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura):** l-ebda ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura ma japplika għall-ewwel ħames snin *mid-data tar-reġistrazzjoni*, u mis-sitt sena japplika 50% tal-ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura. Dawn it-tariffi huma applikabbli għal vetturi petrol sa 180g / km emissjonijiet ta’ $CO_2$ u għal vetturi diesel sa 150g / km emissjonijiet ta' $CO_2$. Il-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura għandha tiġi mħallsa kollha jekk l-emissjonijiet jaqbżu dawn il-livelli msemmija. Il-limiti ta’ emissjonijiet ta’ $CO_2$ japplikaw ukoll għal meta tinbidel il-vettura (kemm jekk ġdida jew użata).

c) **Vetturi kummerċjali li ma jaqbżux it-3.5 tunnellati (3,500kg):** meta l-persuna b’diżabilità tista’ ssuq jew tinstaq biss permezz ta' vettura kummerċjali, l-ebda ħlas

tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura ma japplika għall-ewwel ħames snin *mis-sena tal-manifattura*, u mis-sitt sena japplika 50% tal-ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura. Il-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura għandha tiġi mħallsa kollha jekk il-piż jaqbeż it-3.5 tunnellati (3,500kg). Il-limitu tal-piż japplika wkoll għal meta tinbidel il-vettura (kemm jekk ġdida jew użata).

d) **Vetturi Aċċessibbli għal Siġġu bir-Roti:** l-ebda ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura ma japplika, irrispettivament mil-livelli ta' emissjoni tal-vettura, il-piż, id-data tar-reġistrazzjoni jew is-sena tal-manifattura.

e) **Vettura reġistrata qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:** jekk persuna b'diżabilità tkun ġiet iċċertifikata li ma tikwalifikax għas-sewqan mill-Aġenzija Sapport meta tapplika għal eżenzjoni mill-ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura, l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata b'mod favorevoli jekk il-vettura kienet irreġistrata f'isem l-applikant qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

**Nota 3: In-nefqa fuq modifiki lokali ta' vetturi**

In-nefqa fuq modifiki lokali ta' vetturi msemmija fin-**Nota 2 (b)** hawn fuq hija eliġibbli għal għotja ekwivalenti tad-dazju u l-VAT imġarrba fuq din in-nefqa.

**Nota 4: Vettura proprjetà ta' ġenituri (carers) tal-persuna b'diżabilità, jew membri tal-familja tal-ewwel grad ta' parentela, jew il-konjuġi ta' din il-persuna b'diżabilità [kategorija III]**

Is-sewwieq irid ikun qed jgħix fl-istess dar tal-persuna b'diżabilità.

**Nota 5: Vetturi Aċċessibbli għal Siġġu bir-Roti**

a) Eżenzjoni taħt din l-Iskema għandha tapplika għal mhux aktar minn vettura **waħda** użata għall-benefiċċju ta' persuna b'diżabbiltà **sakemm** il-vettura ma tkunx Vettura Aċċessibbli għal Siġġu bir-Roti.

b) Vetturi Aċċessibbli għal Siġġu bir-Roti huma għal persuni b'diżabilità fiżika severa, li jridu jiġu ttrasportati b'mod sigur permezz ta' vettura mibnija għal dan il-għan, jew persuni b'diżabilità fiżika severa li jistgħu jsuqu vettura mibnija għal dan il-għan b'mod sigur, li tkun modifikata skont il-ħtiġijiet tal-persuna.

c) Familja fejn aktar minn persuna waħda tuża s-siġġu bir-roti, il-persuni kollha li jużaw is-siġġu bir-roti jibbenifikaw mill-eżenzjonijiet/traħħis/għotjiet, anke meta l-familja tixtri vettura waħda biss aċċessibbli għal siġġu bir-roti.

d) Familja fejn persuna waħda biss tuża s-siġġu bir-roti, tibbenefika wkoll mill-eżenzjonijiet/traħħis/għotjiet fuq it-tieni vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti.

e) Persuna b'diżabilità li għad m'għandhiex Liċenzja Annwali tas-sewqan imma qeda fil-proċess li takkwista din il-Liċenzja Annwali, u teħtieġ vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti, tista tibbenefika minn differiment tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni, id-Dazju fuq l-Importazzjoni, it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF) u ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura, għal perjodu ta' sena (li jista' jiġġedded), sakemm:

   i. Il-persuna b'diżabilità għandha Ċertifikat "*Adaptive Driving Assessment*" jew simili, kif approvat mill-Aġenzija Sapport, li jivverifika li l-persuna b'diżabilità tista' toqgħod għat-test tal-Liċenzja Annwali tas-sewqan;

   ii. Il-vettura li għaliha saret applikazzjoni hija modifikata skont ir-rekwiżiti elenkati fil-"*Adaptive Driving Assessment*", jiġifieri bil-modifiki tal-kontrolli tas-sewqan u aċċess għal siġġu bir-roti skont din il-valutazzjoni;

   iii. L-applikant ikun obbligat jiffirma li, fil-każ li dan id-differiment ma jiġix estiż, għal kwalunkwe raġuni, l-applikant jobbliga lilu nnifisu li jagħmel tajjeb għall-ħlas tat-taxxi u dazju differiti. L-applikant meħtieġ ukoll li jobbliga lilu nnifsu li jekk dan il-ħlas ma jsirx fi żmien xahar, jitlef id-dritt għall-pjanċi tar-reġistrazzjoni sakemm jiġi effettwat dan il-ħlas. Din id-dikjarazzjoni tintalab mill-applikant qabel l-approvazzjoni.

**Nota 6: Rifużjonijiet dovuti mat-trasferiment**

a) Mat-trasferiment ta' vettura li tkun ibbenifikat mill-eżenzjonijiet/traħħis/għotjiet, jekk għaddew inqas minn għaxar snin *mid-data tar-reġistrazzjoni* tal-istess vettura, it-Taxxa Residwa tar-Reġistrazzjoni, id-Dazju fuq l-Importazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (fuq CIF) dovuti lill-Gvern, ikomplu jiġu kkalkulati bil-mod kurrenti.

b) L-ebda rifużjoni ma tkun dovuta lill-Gvern jekk il-vettura:

   i. tiġi trasferita f'data aktar tard minn għaxar snin mir-reġistrazzjoni, jew

   ii. tiġi trasferita lil benefiċjarju b'diżabilità taħt din l-iskema, li m'għandux vetturi oħra rreġistrati f'ismu b'eżenzjonijiet/traħħis/għotjiet, jew

iii. tiġi trasferita lill-Organizzazzjoni Filantropika rreġistrata skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 123.24 li tieħu ħsieb persuni b'diżabilità anke minħabba mard jew anzjanita`.

c) Rakkomandazzjoni mill-Aġenzija Sapport trid tkun akkumpanjata minn ċertifikat ta' diżabilità maħruġ mill-*Occupational Therapist* tal-Aġenzija Sapport.

**Nota 7: Reġistrazzjoni tal-vettura**

L-ebda applikazzjoni għall-eżenzjoni tat-Taxxa ta' Reġistrazzjoni fuq vettura ma għandha tiġi aċċettata jekk din il-vettura tkun mixtrija u reġistrata ma' Transport Malta qabel ma l-imsemmija applikazzjoni tiġi sottomessa lill-Aġenzija Sapport u approvata mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, sakemm l-applikant ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti f' nota 8.

**Nota 8: Rifużjoni/Għotijiet tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni, il-ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni Annwali u d-Dazju tal-Importazzjoni minn persuni li d-diżabilta' tagħhom ma tipprekludihomx milli jsuqu**

Persuna li l d-diżabilta' tagħha ma tipprekludihiex milli ssuq u li kienet xtrat vettura qabel ma ġiet irreġistrata bħala b'diżabilta' mal-Kummissjoni Għad-Drittijiet Ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), u li kienet ħallset l-ammont sħiħ tat-Taxxa tar-Reġistrazzjoni, il-ħlas Annwali tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni u d-Dazju tal-Importazzjoni dovut, issir eliġibbli għal rifużjoni/għotja sakemm:

i. L-applikant irreġistra mas-CRPD;
ii. L-applikant jippreżenta lill-Aġenzija Sapport ir-rekords mediċi meħtieġa li jiċċertifikaw li kien qed ibati minn din id-diżabilità qabel ma nxtrat l-vettura, u
iii. L-applikazzjoni għar-rifużjoni ssir fi żmien sitt (6) xhur mid-data tax-xiri tal-vettura.

**Nota 9: Approvazzjoni għal Eżenzjoni fir-rigward tal-Ħlas tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni tal-Vettura wara t-tlestija tal-modifiki**

a) L-approvazzjoni għall-eżenzjoni fir-rigward tal-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni għandha tinħareġ b'effett mid-data tal-eżenzjoni tat-taxxa ta' reġistrazzjoni, wara li jitlestew il-modifiki li jkunu ċċertifikati mill-Aġenzija Sapport. Konsegwentement, rifużjoni mbagħad tiġi awtorizzata kif xieraq.

b) Fil-każ ta' modifiki li jsiru f'Malta, ix-xogħlijiet għandhom jitlestew kif miftiehem bejn il-benefiċjarju u l-Aġenzija Sapport.

**Nota 10: Persuni b'diżabilità 'l fuq minn 65 sena**

a) Persuni b'diżabilità li ma jsuqux, li kienu reġistrati mas-CRPD, u li bbenefikaw minn eżenzjonijiet/traħħis/għotjiet qabel l-età ta' 65 sena, għandhom ikomplu jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet/traħħis/għotjiet (skont il-linji gwida applikabbli) wara l-età ta' 65 sena.

b) Persuni li jirreġistraw mas-CRPD bħala persuni b'diżabilità wara li jilħqu l-età ta' 65 sena, jistgħu jsiru eliġibbli għal eżenzjonijiet/traħħis/għotjiet (skont il-linji gwida applikabbli) sakemm jippreżentaw ir-rekords mediċi meħtieġa li jiċċertifikaw li kienu qegħdin ibatu mid-diżabilità tagħhom qabel l-età ta' 65 sena.

**Nota 11: Ordni ta' Eżenzjoni**

Din l-ordni ta' eżenzjoni għandha tieħu post kull ordni ta' eżenzjoni maħruġa qabel din id-data, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li ġew akkwistati minn persuni b'diżabilità taħt l-ordnijiet ta' eżenzjoni preċedenti maħruġa s'issa.

**1 ta' Jannar 2023**